# L-Immunita' Ekklesjastika

## Kitba ta' Gregory Gauci

Wieħed mill-karatteristiċi ta' Malta rurali huwa n-numru kbir ta' kappelli bi plakkek tal-irħam mal-faċċata qrib il-bieb prinċipali li jaqraw *NON GODE L'IMMUNITA' ECCLESIASTICA* li tfisser li din il-kappella ma tagħtix Immunita' Ekklesjastika. Diversi storiċi ippruvaw u ħadmu qatigħ sabiex jistabbilixxu s-sena tal-oriġini ta' dawn il-plakkek tal-irħam imwaħħla mal-faċċati ta' diversi kappelli u knejjes f'Malta, anzi issa naqsu b'ammont totali għax ħafna minnhom ġew ukoll imneħħija. Kellna l-ewwel data li ġiet ikkwotata matul il-perjodu tal-Papa Benedittu XIV (1740-1758).

Kif nissoponi bil-kelma *SANCTUARY* (bil-Malti Santwarju) tfisser immunita' jew kenn. Fil-fatt hekk kienet magħrufa. Kienet il-prattika li tintuża bħala maħfra. Il-kelma Santwarju hawn tfisser post kenni u salv għal xi kriminal jew ħalliel jew bniedem fuġitiv maħrub. Dan kien ifittex li jkun salv bla ebda biża' li ser jiġi maqbud u arrestat mill-awtorita' billi jidħol ġo knisja, kappella jew kunvent ta' reliġjużi wara li jkun ikkommetta xi att kriminali. Din is-sistema spiss kienet tiġi prattikata u aċċettata mill-knejjes Kattoliċi biex sempliċiment tħares u taħfer għal raġunijiet speċjali iżda l-Ordni ta' San Ġwann bl-impjegati u suldati, baħrin u skjavi tagħha qatt ma ppermettiet dan. Ngħiduha kif inhi, naħseb illi żgur ma tagħmel l-ebda sens għax b'hekk ma ssirx ġustizzja.

Din l-immunita' kienet ġiet abolita f'Diċembru 1752 mill-knejjes tal-Kapuċċini u l-kunventi fil-Furjana u fil-Birgu bit-talba tal-patrijiet kollha li ma setgħux jifilħu iktar bil-kwantita' ta' maħruba jfittxu l-kenn f'dawn il-postijiet sagri u reliġjużi biex jaħarbu mill-qilla tal-ġustizzja u jkunu salvi fil-knejjes, kappelli jew kunventi. Kultant insibu każi fejn dawn il-kriminali baqgħu f'postijiet bħal dawn, kunventi, knejjes, kappelli anki għal snin sħaħ. Wieħed kriminali minn Għawdex li kien qatel dam għall-kenn u salv għal 30 sena fl-1741 ġo knisja jiekol u jixrob u moħħu mistrieħ li l-liġi ma tistax għalih u ma tistax tagħmel ġustizzja minnu la nies il-vittma lanqas l-awtorita'. Jingħad, skont dokument, illi l-itwal perjodu ta' frustrazzjoni tal-ġustizzja f'Malta kienet minħabba kriminal li dam f'din il-ħajja ġo knisja għal 48 sena, sas-sena 1746 moqdi bl-ikel u xorb mill-patrijiet iservuh.

Il-Gran Mastru Emmanuel Pinto fl-1759 informa lill-Ambaxxatur tal-Ordni f'Ruma li ħafna ħallelin instabu fil-kampanja Maltija jiftħu s-soqfa ta' djar, soqfa magħmula minn xorok tal-injam u jidħlu mit-toqob li jagħmlu biex jisirqu jew jagħmlu atti kriminali. Ħafna familji Maltin kienu terrorizzati u mwerwra b'dan l-għemil faħxi. Il-gvern beda jordna suldati (Żbirri) u ħafna li nqabdu ammettew il-ħtija u ġew mgħejjuna bħala fuġitivi f'kappelli u knejjes. Xi uħud minnhom kienu anki ħatja li kienu qatlu. Żgur illi jrid ikun hemm rimedju sostna Pinto. Ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk kull min jikkommetti xi kriminalita' isir fuġitiv u jgawdi l-

immunita' bis-saħħa tal-Knisja. Il-Granmastru ried, għall-ewwel, illi jwaqqaf din l-immunita' stupida għall-dawk il-knejjes u kappelli l-ewwel fejn ikun hemm miżmum is-Sagrament il-ħin kollu.

Il-Papa ma qabilx ma' din l-Immunita' Ekklesjastika u ma riedx iktar jara diversi kappelli u knejjes bħala "Santwarju" jżommu nies kriminali. Ma riedx aktar nies illi jinqdew b'dan il-mod bil-knejjes u kappelli. L-Isqof ta' Malta il-Majjorkin il-Monsinjur Rull ried illi joffri lill-fuġitiv żmien limitat biex iħalli l-knisja jew kappella li jkun moħbi fiha. Inkella, jekk ma jsirx hekk, ried illi dawn jintbgħatu fil-ħabs tal-Knisja. Dan kien kulma ssuġġerixxa, suġġeriment li kien jagħmel almenu ftit tas-sens iżda l-Gran Mastru xorta ma qabilx ma' dan. L-ordni kienet valida għal żmien qasir u l-ebda editt ma ġie ppublikat dwar dan. Kien l-istess isqof, infatti Monsinjur Rull, li rċieva ordni stretta mill-Kongregazzjoni tal-Immunita' Ekklesjastika u ried l-għajnuna sabiex jitrasferixxi lil dawk fuġitivi għall-ħabsijiet tal-Knisja. Il-korla ta' dawn in-nies kompliet tiżdied għall-ordni tal-Knisja. Naturalment huma jibqgħu kif kienu riedu u mhux jingħalqu ġo ħabs tal-Knisja. Li kieku ma kinux is-suldati u l-gwardji tal-affari tagħhom u żammew l-ordni b'dixxiplina stretta kienu kollha jaħarbu.

Soluzzjoni oħra ġdida saret mill-Gran Mastru Pinto li kienet tagħmel ftit tas-sens ukoll. Dan riedhom li jintbgħatu jaqdfu fuq il-galjeri tal-flotta tal-Ordni iżda xorta baqa' l-biża' illi kienu jistgħu jaħarbu. Għalhekk sabu illi lanqas din ma kienet azzjoni faċli li ssolvi l-problema. Fis-sena 1761 il-Papa kiteb ittra lill-Kurja ta' Malta biex inaqqas din l-immunita' mill-knejjes parrokkjali u għal xi kappelli filjali fejn is-Sagrament kien miżmum regolarment. Dan il-pass kien importanti għax in-numru ta' knejjes u kappelli fil-gżira kienu bosta (madwar 327 waħda), għalkemm mhux kollha kienu affettwati b'din l-immunita'. Il-Kurja ppublikat l-editt fit-30 ta' Mejju tal-1761. Il-knejjes ta' Malta kollha qraw dan u għarrfu lil parruċċani kollha fejn spjegawlhom bid-dettal waqt il-quddies tal-Ħdud u l-festi. Sadanittant il-fuġitivi li sabu ruħhom f'kappelli li ma kinux hemm bl-immunita' talbu lill-isqof sabiex jiġu trasferiti għall-kappelli oħra u l-kappillani bdew jarmaw u jordnaw li jitwaħħlu l-avviżi mal-faċċata tal-knejjes u kappelli qrib il-bieb ta' barra sabiex ikunu jidhru minn kulħadd. Dawn it-tabelli kienu jaqraw illi spiċċat l-Immunita' Ekklesjastika minn dawk il-kappelli li jġibu dan l-avviż biex ma jkunx hemm skużi minn ħadd. F'Lulju 1764 Bolla (Editt) Papali ħarġet tabolixxi dan is-"Santwarju" tal-immunita' Ekklesjastika għal kull min ikkommetta serq permezz ta' qtil. Dan l-editt ġie ukoll moqri fil-knejjes kollha għaċ-ċittadini kollha.

Madwar 90 biss mill-250 knisja u kappella tilfu id-dritt ta' din l-immunita', l-oħrajn bħal dawk tal-belt Valletta, Bormla, Balzan u Attard kollha reġgħu neħħew il-plakkek tal-irħam minn mal-faċċata. Dan kien il-veru pass tal-mistħija għall-gvern għax dan serva ta' nkoraġġiment għall-kriminali biex jagħmlu iktar abbużi bid-dritt tal-immunita'. Il-Gran Mastru Pinto kien jispera li l-Papa minn Ruma xi darba jifhem u jordna illi l-plakkek jerġgħu jiġu mwaħħla mill-ġdid. Kien fuq l-ordni tal-Papa li l-Gran Mastru ħalli l-plakkek barra bla ma jitwaħħlu mill-ġdid. Iktar tard in-neċessita' kienet illi jerġgħu jitwaħħlu u l-gvern reġa' poġġihom f'posthom bħal qabel.

Dan id-dritt tal-immunita’ naħseb illi kien każ ta’ taqbida bejn l-Istat u l-Knisja iżda l-immunita’ lokali kienet abolita f’Malta u Għawdex u aktar permezz tal-famuż *“Motu Proprio”* fis-sena 1777. Din kienet kważi abolita għall-kollox minn l-ewwel Gvernatur ta’ Malta l-Ingliż Sir Thomas Maitland wara li nħatar Gvernatur ta’ Malta fl-1813. Aktar avvanz fis-sistema sar fis-sena 1820 iżda din kienet propjament abolita għal kollox mill-Gvern Ingliż fl-10 ta’ April 1828. Xi ftit mill-plakkek f’Malta u f’Għawdex għadna nistgħu narawhom mal-faċċati iżda bla ebda użu ta’ xejn: qegħdin hemm biss biex ifakkruna fl-istorja tagħhom.

Wieħed mid-dokumenti li ġie f’idejna juri li l-kappelli li kellhom din l-immunita’ fil-Birgu kienu ftit ferm. Dawn kienu l-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-xatt, il-knisja tat-Trinita’ fi Triq San Lawrenz (din qabel kienet iddedikata lill-Madonna ta’ Monserrat) u l-knisja ta’ Sant Antnin li kienet fi Triq Sant Antnin u li llum spiċċat u ma’ għadhiex teżisti billi kienet f’rovina u pprofanata u wara nqerdet bl-attakki tal-għadu fl-aħħar gwerra. Il-kappella tal-Madonna ta’ Damascena (Damasku), li kienet wara l-knisja parrokkjali ta’ San Lawrenz u li għad baqa’ parti żgħira ferm minnha fejn illum insibu l-oratorju ta’ San Ġużepp li fih insibu l-Mużew tal-knisja, kienet ukoll affettwata ftit ferm. F’żewġ kappelli fil-Forti Sant’Anġlu, dik iddedikata lill-Sant’Anna u l-oħra li hemm imħaffra ġol-blat dedikata lin-Nattivita’ tal-Madonna (Il-Bambina). Kien hemm ukoll il-knisja tas-Salvatrur ħdejn l-isptar ta’ Bighi li dak iż-żmien kienet għadha tagħmel mal-Birgu, issa tagħmel mal-Kalkara minn meta din saret parroċċa u ħarġet mill-Birgu fl-1898.